[*Din ħadet l-ewwel premju tal-poeżija*]

# LEJLA TA' FRAR

Raxx id-dlam, kull dija mietet
Waqgħet regħxa mis-smewwiet
Sikta u dieq satru lill-ħlejjak
Kull ħoss għab il-ħajja nħbiet.

Tisma' biss ta' l-għasfur lejli
Ħierġa l-karba mil-widien,
Twieġeb oħra minn ma' ġenbha
Inbagħad ħemda kullimkien.

Tħoss bħal reżħa kiesħa kiesħa
Issir bard mar-riħ li qâm
Tal-ħarrub is-siġar jingħu
U jitbandlu ġewwa d-dlam.

Ta' l-arloġġ mill-bjut tal-knejjes
Jaqa' l-leħen bħal maħnuq
U dlonk igħib ġol-beraħ dalmi
Minn l-uħux tal-lejl misruq.

Waqt li x-xita bil-qliel nieżla
U bir-riħ il-ħġieġ jirtogħod.
Tisma' jidwi f'qiegħ is-sema
It-tkarwit tar-ragħ'd fil-bogħod.

* * *

Ġewwa s-satra ta' kamarti
Għadu jnemnem il-musbieħ
'Ma fil-friex għalxejn nitqalleb,
Lill-Mulej nitlob mistrieħ.

Dan id-dieq u d-dlam ta' barra
Q'ed inħossu fija jien
Xitwa oħra ġewwa qalbi
Ġiebli miegħu l-ħolqien.

Kemm hu kiefer, taf, li waħdek
Hawn trid tishar f'ħin bħal dan
Qalb il-biża', qalb id-dwejjaq
Ta' lejl waħxi bla serħan.

'Ma bħaż-żrieragħ li bħal issa
Ġewwa t-trab hemm mirdumin,
Jistennew qegħdin lil żmienhom
Biex jixirfu ħadranin.

Hekk it-tama ġewwa qalbna
Xħin tax-xitwa jgħaddi ż-żmien,
Tidher tħaddar b'xewqat ġodda
Tifrex dellha kullimkien.

GAUDOMELETE (GIORGIO PISANI)